KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

# MINUTI
## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
## Tmien LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 39** **Ħamis 28 ta' Ottubru 2021**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fil-5:15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Romilda Baldacchino Zarb – Sindku
Christopher Grech – Viċi-Sindku
Keith Cassar- Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Angele Rapa - Kunsillier
Joseph Gatt- Kunsillier
Rachel Abela - Kunsillier
Aiken Zerafa – Kunsillier
Maria Pia Bonnici - Kunsillier
Mario Victor Camilleri – Kunsillier
Danny Farrugia – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Rachel Abela - Kunsillier
Mikhail Micallef – Kunsillier

**ASSENTI**
Shirley Abela - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Lorraine Templeman - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Romilda B. Zarb ippresediet l-laqgħa.

**39.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġija, tal-Kunsilliera R. Abela u Micallef. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittri ta' apoloġija.

**39.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 38**
Is-Segretarju Eźekuttiv nfurmat li ma kellhiex żmien biżżejjed biex tilħaq tlesti l-minuti, u għalhekk dawn ser jittellgħu għal-approvazzjoni tal-Kunsill fil-laqgħa li jmiss.

Il-membri preżenti unanimament approvaw biex il-minuti tal-laqgħa numru 38, jiġu kunsidrati u approvati fil-laqgħa li jmiss.

**39.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza**

**39.3.1 Kommunikazzjoni - Talba sabiex minn notch 3 jitla għal notch 4**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil membri preżenti t-talba ta' l-impjegat s-Sur Theuma Marshall biex jitla *notch* 4 skond il-lista tal-*payscales* maħruġa mis-servizz pubbliku.
Il-membri preżenti unanimament approvaw.

**39.3.2 Kommunikazzjoni- Talba sabiex minn notch 5 titla għal notch 6 minn Diċembru 2021**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil membri preżenti t-talba ta' l-impjegata s-Sinjura Ramona Calleja biex titla *notch 6* skond il-lista tal-*payscales* maħruġa mis-servizz pubbliku.
Il-membri preżenti unanimament approvaw.

**39.3.3 – Kommunikazzjoni – Talba sabiex minn notch 5 titla għal notch 6 minn Diċembru 2021**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil membri preżenti t-talba ta' l-impjegata s-Sinjorina Maxine Ebejer biex titla *notch 6* skond il-lista tal-*payscales* maħruġa mis-servizz pubbliku.
Il-membri preżenti unanimament approvaw.

**39.3.4 – Kommunikazzjoni – Bye Law Ġonna**

Is-Segretarju Eźekuttiv talbet lil-membri preżenti għal-kummenti tagħhom dwar il-*bye law* tal-ġonna, li ma tinkludix il-Ġnien l-Għarusa tal-Mosta.

Saret diskussjoni, fejn sar qbil unanimu li min din il-*bye law* jitneħħew ħlas ta' bosta attivitajiet li m'għandhomx jkunu f'din il-*bye law*. Is-Segretarju Eźekuttiv ħadet nota tad-tibdiliet.

**39.3.5 – Kommunikazzjoni – Proposed Works at Triq l-Istiratur**

Is-Sindku tkellmet ma l-MTIP u nfurmat li hemm *issue* fejn qed jżomm ħafna ilma, u hemm binja tal-Housing fejn l-ilma qed jidħol ġewwa. L-MTIP għamlu studju fejn ħa jirranġaw l-*water culvert* eżistenti u jiġi mibni *gutter* akbar.
Is-Sindku nfurmat li spejjez għal-Kunsill ħa jkun biss il-ħlas tal-*overtime* tal-ħaddiema ta' l-MTIP, Dan ser jiswa €3,011 inkluż VAT.

Il-membri preżenti unanimament approvaw l-ispiża ta' €3,011 inkluż VAT.

Il-Kunsillier Cassar nforma li hemm problema simili fi triq Tabib Chetcuti k/m triq id-9 t'April.
Is-Sindku talbet lis-Segretarju Eżekuttiv biex meta tibgħat lis-Sur Brincat konferma ta' Triq l-Istiratur, tinfurmaħ biex issir laqgħa oħra għax hemm l-istess problema fi triq Tabib Chetcuti k/m triq id-9 t'April.

**39.3.6 – Kommunikazzjoni – Xogħolijiet mil-Kuntrattur Elles.**

Saret diskussjoni dwar in-nuqqas ta' xogħolijiet u *patching* f'toroq varji. Is-Sindku nfurmat li l-Kuntrattur qed jgħid li għandu jieħu flus mis-sena 2020, u nfurmat lil membri preżenti li ġiet l-uffiċju tal-Kunsill biex tiċċekkja għax taf li nħarġu tlett kontijiet biex jitħallas. Is-Sindku konfermat li l-*works orders* nħarġu, fejn talbet lis-Segretarju Eżekuttiv biex jekk hemm bżonn tinħareġ ittra lil-Perit tal-Kunsill bl-avukat, għax li qed jiġri huwa li min sena għal-oħra qed jirbaħ it-tender l-istess Perit, u fejn jidħlu ċertifikazzjonijiet tal-Perit, dan mhux jaqdina għax qed jdum ħafna biex jiċċertifika x-xogħolijiet biex il-Kunsill jkun jista' jħallas. Apparti min hekk mhux ġust li dejjem qed jeħel il-kuntrattur.

Il-Kunsillier Cassar nforma li l-Kunsill kien qabel li x-xogħol ta' *patching* jitkejjel mil-*handyman* tal-Kunsill, għalhekk ċertu xogħol il-Perit tal-Kunsill qed jiffrankaħ. Is-Sindku nfurmat li l-*works orders* qed joħorġu, il-*handyman* tal-Kunsill qed jmur jiċċekkja u jkejjel, imma kif mil-Kunsill nibgħatu d-dettalji kollha lil-Perit biex joħroġ il-kont skond il-BOQ, il-Perit qed jdum ħafna ma jibgħat.

Fil 5:55pm, daħlet għal-laqgħa l-Kunsilliera Rapa.

Is-Sindku nfurmat li fejn hu tort tal-kuntrattur ħa tgħidlu, imma min Kunsilli oħrajn fejn jaħdem il-kuntrattur tal-Elles, is-Sindku min dawn il-Kunsilli dejjem kliem ta' tifħir semgħet fuq il-kuntrattur.
Il-Kunsillier Cassar nforma li dejjem kien hemm differenzi bejn iż-żewġ partijiet, għax dejjem jwaħħlu f'xulxin, iżda meta ċċekkjajna jidher li n-nuqqasijiet ġejjien mil-Perit tal-Kunsill. Il-Perit tal-Kunsill għandu persentaġġ fuq ix-xogħol li jsir mil-Elles, u għalhekk l-Kunsillier Cassar issuġġerixxa li dan ix-xogħol ma jsirx mil-Perit tal-Kunsill, u l-Kunsill jsib Perit ieħor. Dan jista' jsir għax il-Perit tal-Kunsill mhux qed jagħmlu dan ix-xogħol, u għalhekk il-Kunsilliera Cassar issuġġerixxa li tintbagħat ittra lil-Perit tal-Kunsill, li jekk mhux ser jiċċertifika x-xogħolijiet pendenti, l-Kunsill jirriserva d-dritt li jqabbad Perit ieħor.

Il-Kunsillier Camilleri nforma lil-membri preżenti li hemm problema oħra, għax xogħol li sar sena ilu, issa ma jistax jiġi ċċertifikat.
Il-Viċi Sindku nforma li għanda titbiddel is-sistema ta' kif jitħallas il-*patching,* fejn għanda ssir formola bil-qisien tal-*patching* u jiffirmaw 3 min-nies, il-kuntrattur, il-*handyman* u l-Perit tal-Kunsill u jew il-Kunsillier responsabbli mid-dekasteru, ħalli jkun hemm trasparenza.

Il-Kunsillier Cassar issuġġerixxa biex naraw x'hemm kontijiet pendenti, fejn flimkien mal-Viċi jiċċekkjaw l-kontijiet u jiġu approvati mil-Kunsill ħalli jiġu *settled* ma l-Elles, u l-Perit tal-Kunsill ninformawh li m'għandux għalfejn jiċċertifika u joħroġ kontijiet. Għalhekk l-Elles jkun jista' jkompli bix-xogħolijiet, għax dan waqaf minħabba li għadu ma tħallasx, u l-Perit tal-Kunsill ma jkollux aktar skużi li hemm *backlog,* għalhekk dan l-eżerċizzju huwa bħal-meta jkun hemm *bad debt* u jinqata.
Il-Viċi talab li malli jinħelsu dawn il-kontijiet pendenti, jixtieq li l-proċedura tinbidel, għax il-Perit tal-Kunsill suppost jmur jiċċekkja waqt li qed jsiru x-xogħolijiet, imbagħad suppost jiċċertifika il-qisien tal-kont.

Is-Sindku talbet biex jkun hemm qbil bejn il-membri preżenti għax hemm xogħol li ilu pendenti min Marzu biex jsir, għax issa sar xogħol ta' emerġenza. Il-Viċi nforma li issa jkun hemm b'xi €30,000 xogħolijiet li ħa jsiru kollha b'emerġenza u ma jarah ħadd, għalhekk nforma li hu ma jaqbilx ma dan il-metodu, anke li jsiru x-xogħolijiet b'emerġenza.

Is-Sindku talbet lis-Segretarju Eżekuttiv biex flimkien mas-Sa. Galea ssir lista tal-kontijiet pendenti, u ssir laqgħa mas-Sindku, l-Viċi u l-Kunsillier Cassar biex jiġu ċċekkjati ħalli jkunu jistgħu jinħarġu l-kontijiet li fadal tal-Elles.

**39.3.7 – Kommunikazzjoni – Quote Tiżjin tal-Milied**
Is-Sindku nfurmat li r-reġjun bħas-sena ta'qabel ser jagħtina €2,000 għat-tiżjin tal-Milied bħala fondi mir-reġjun.
Il-membri preżenti approvaw l-kwotazzjoni tal-kuntrattur Armeni, għat-tiżjin tal-Milied.

**39.3.8 – Kommunikazzjoni – Quote Pots, Outdoor Gym Zokkrija**

Is-Sindku ppreżentat il-kwotazzjonijiet li rċevejna mis-*suppliers*. Saret diskussjoni u l-membri preżenti unanimament qablu fuq il-kwotazzjoni tal *pots* li ġab il-kuntrattur tal-Parks and Gardens is-Sur Borg, li hija l-unika waħda bil-*concrete* u *fibre.*

Il-membri preżenti unanimament qablu li jkunu ta' kulur griż u mħalltin bħala għoli biex inżommu taħt il-€5,000.

**39.3.9 – Kommunikazzjoni – Quote għad-dawl tal-pont**

Is-Sindku nfurmat li din il-kwotazzjoni telgħet madwar nofs miljun. Il-Kunsillier Cassar nforma, li peress li għalja, naraw kemm jiġi biex jsir id-dawl ta' fuq biss, jitneħħew is-siġar tal-pont għax il-bankina mhux aċċessibbli, u jsir *refurbisment* tal-pjanta tal-pont mil-Perit tal-Kunsill, biex jsir id-dawl fil-parti ta' fuq, kif wkoll jaħseb għal *gutter* għal-ilma.

**39.4 Tweġibiet għall-Mistoqsiet tal-Kunsillieri**

**39.4.1 Fun Run**

Il-Kunsillier Zerafa fakkar lil membri preżenti dwar il-*fun run* b'risq il-Community Chest Fund li ser issir fil 21 ta' Novembru.

**39.4.2 Funeral tal-Mibki Joe Debono**

Il-Viċi nforma li l-funeral ħa jsir għada, u staqsa jekk hux possibbli jkun hemm *clearance* ta' parking fil-parkeġġ. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li dawn jieħdu ħsieb il-Pulizija, imma ħa t'informahom.

**39.4.3 Triq Ġużè Delia**

Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li residenti nfurmawha li fi fil-parti ta' fuq ta' triq Ġużè Delia m'hemmx arbli tad-dawl. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota.

**39.4.4 Ċirkulari NRU SPI/TW/ 8/2021 -Proċess ta' Ġemellaġġ minn Reġjun/Kunsill Lokali**

Il-Kunsillier Camilleri nforma li rċevejna linji gwidi dwar applikazzjonijiet ġodda ta' ġemellaġġi. Il-Kunsillier Camilleri nforma li qabel ma napplikaw biex jsir ġemellaġġ ġdid, nġeddu u nagħmlu kuntatt mal-ġemellaġġi li diġà għandna, biex nerġgħu nsaħħu r-relazzjoni bejn il-Kunsilli.

Il-Kunsillier Camilleri talab li jkun hemm tim ta' tlieta min-nies, u xtaqt jinnomina lil-Kunsillier Deguara minħabba l-kuntatti tajbin li diġà għandu mal-ġemellaġġ li għanda ma Millbrae, kif wkoll lis-Sindku.

Il-membri preżenti qablu unanimament.

**39.4.5 Proġetti Kapitali**

Is-Sindku fakkret lil-membri preżenti li hemm skema biex napplikaw għal-manutenzjoni ta' proġetti kapitali. Is-Sindku nfurmat lil-membri preżenti li ħa tiċċekkja x'hemm dwar din l-iskema u talbet lil-membri preżenti l-awtorizzazzjoni biex tkun tista' tmexxi.

Il-membri preżenti unanimament approvaw.

**39.5 Rapporti**

**39.5.1 Update - Development Funds as at 26.10.2021**

*Update* tal-lista tad-*Development Funds*, ingħatat lil-Kunsilliera fil-*folder* mad-dokumenti tal-laqgħa.

**39.5.2 Update- Ingaġġ ta' Skrivan/a Skala 16**
Il-Kunsill talab permess mid-Dipartiment għal skala 16, però l-approvazzjoni mid DLG kienet ta' skala 15.

**39.5.3 - Ingaġġ ta' Impjegat fi Skala 13**
Il-membri preżenti ġew nfurmati li l-iskrivana Candice Coppola (skala 11) irriżenjat mil-kariga tagħha. Għalhekk, hemm post vakanti ta' skrivan/a fejn ser nitolbu l-approvazzjoni tad-DLG sabiex tkun tista' toħroġ sejħa.

Il-membri preżenti approvaw biex ssir l-applikazzjoni għal-ingaġġ ta' skrivan skala 13.

**39.5.4 – Update- Ingaġġ ta Assistant Handyman CIES**
L-interviews saru nhar il-Ġimgħa 22 Ottubru 2021 fejn kien hemm 8 applikant, attendew 3 biss, u ntgħażel is-Sur Matthew Spiteri.

**39.5.5 – Update Skema 2021-22 biex isir ingaġġ ta' uffiċċjal tal-komunita' 'Steward' għat-trattament xieraq tal-annimali biex jaħdem fil-lokalitajiet f'Malta u Għawdex**
Il-Kunsill ħareġ sejħa fuq il-media soċjali. Din l-applikazzjoni għalqet f'nofsinhar tal-20 ta' Ottubru 2021.
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li applikaw 4, però tnejn mil-applikanti bagħtu is-CV tagħhom wara d-data ta' l-iskadenza ta' l-avviż.

**39.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

**39.6.1 Skeda ta Pagamenti**
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 121.
Il-membri tal-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' pagamenti datata 23 ta' Settembru sas-26 ta' Ottubru 2021.

**39.6.2 Purchase Orders**
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-purchase orders.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**39.6.3 Works Orders**
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-works orders.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**39.6.4 Petty Cash**
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-petty cash.
Il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu il-lista tal-petty cash li tkopri xahar ta' Settembru 2021. Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**39.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**
Il-laqgħa intemmet fis-6:35 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għat-23 ta' Novembru 2021 fil-6:00pm.

**REF: 38.4.2 - Kommunikazzjoni-Laqgħat tal-Kunsill u Laqgħa Pubblika**
Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lil-membri preżenti jekk il-laqgħa ta' 14 ta' Diċembru tistax tinbidel u ssir fil-15 ta' Diċembru.
Il-membri preżenti unanimament approvaw.

Konfermati llum 28 ta' Ottubru 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Romilda B. Zarb | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |